# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 14 ta' Gunju 2023

Talba numru: 151/2022 CL

**Francesco Caruana (KI nru: 555588M) u martu Maria Caruana (KI nru: 367289M)**

**VERSUS**

**Anthony Falzon (KI 235663M) u Maria sive Mary Gagliano (KI 246968M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-20 ta' Mejju 2022, fejn l-atturi kienu dahlu fi ftehiem mal-intimati dwar taghmir ta' klieb ta' razza *pomeranian* li permezz tieghu, l-esponenti kellhom jhalsu lill-intimati s-somma ta' €700 f'kaz li l-kelb taghhom jghammar lill-kelba tal-esponenti u jkollha griehi;

Illi meta l-kontendent laqghu l-klieb ghat-tghammir, it-tghammira ma sehhitx kif suppost u dan peress li ma kienx hemm kuntatt fiziku bejn l-istess klieb;

Illi permezz ta' ittra bonarja mibghuta mill-avukat tal-intimati fl-10 ta' Mejju 2021 (Dok A), l-esponenti gew interpellati jhalsu s-somma ta' €700 wara li l-kelba tal-esponenti kellha griewi. Permezz tal-istess ittra, l-esponenti nghataw l-opzjoni li jsir test tad-DNA fuq il-griewi in kwistjoni u obbligaw ruhhom biex f'kaz illi t-test jirrizulta fin-negattiv, huma jhalsu dawn l-ispejjez. Illi fid-19 ta' Mejju 2021, l-esponenti hadu ilii griewi ghat-test tad-DNA u fl-24 ta' Gunju 2021, irrizulta illi l-griewi in kwistjoni m'humiex tal-kelba tal-intimati;

Illi meta l-intimai gew interpellati biex jhalsu l-ispejjez tad-DNA fl-ammont ta' €250 huma baqghu inadmpjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.Ghaldaqstant l-esponenti qed jitolbu bir-rispett lit-Tribunal sabiex jiddikjara li l-intimati huma veri, certi u likwidi debituri tal-esponenti fl-ammont ta' €250 u konsegwentament

jordna lill-intimati jhalsu lir-rikorrenti l-ammont ta' €250 bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Illi fl-20 ta' Gunju 2022 il-konvenuti dahlu risposta fejn sostnew illi t-talbiet tar-rikorrenti Caruana ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghax huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi wara l-ittra datat 10 ta' Mejju l-esponenti ma rcevew ebda pagament/jew kommunikazzjoni biex jsir it-test tad-DNA relattiv. Fil- fatt il-kelb taghhom qatt ma ittiehed ghal xi DNA test u b'hekk ma jistawx jifthmu x'testijiet saru li qeghdin jitolbu r-rifuzjoni taghhha. Illi fl-ittra tal-5 ta Jannar 2021, ir-rikorrenti Caruana talbu l-hlas ta' €350 u mhux €250 kif mitlub fit-talba u li l-ittra intbghatet xhur wara li kien sar it-test fejn l-esponenti ma kienu infurmati b'xejn. Illi r-rikorrenti qatt ma resqu stima jew informazzjoni dwar meta u fejn kellu jsir it-test u b'hekk it-talba tar-rikorrenti hija insostenibbli. Resqu ukoll kontro talba fejn talbu li l-intimati Caruana jigu ikkundanati jhalsu s-somma ta' €700 ghar-ragunijiet elenkati fl-ittra datat 10 ta' Mejju 2021. Illi gialadarba r-rikorrenti naqsu milli jaghmlu l-arrangamenti mehtiega ghat-test tad-DNA tal-klieb relattivi, b'hekk huma obbligati jhalsu s-somma ta' €700 lil intimati hekk kif kien miftiehem, liema ftehiem qatt ma gie ikkontestat inkluz permezz tal-ittra legali datat 5 ta' Jannar 2022 u b'hekk jridu jottempraw ruhhom mal-istess ftehiem. Ghaldaqstant ir-rikorrenit Caruana ghandhom jigu ikkundanati jhalsu lil esponenti Falzon u Gagliano s-somma ta' €700 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hals effettiv. Bl-ispejjez kontra Caruana li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Illi fir risposta ghal kontro talba Falzon u Gagliano talbu sabiex il-pretensjonijet tar-rikonvezjonanti jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex kienu huma stess illi ssugerew li jsir test tad-DNA u kienu obbligaw ruhhom li jhalsu l-ispejjez tal-istess test, f'kaz illi jirrizulta li l-griewi ma kienux tal-kelb taghhom. Kienu ukoll talbu €100 biex jaghmlu cippa lill-klieb biex jsir l-istess test izda ma kienux qeghdin jitolbu din ir-rifuzjoni tal-100 ghac-cippa. Illi l-argument illi l-intimati ma kienux infurmati bit-test tad-DNA huwa wiehed non sequitur ghax fl-ittra mibghuta minnhom, l-intimati talbu lill-esponenti biex jaghmlu l-arrangamenti mehtiega u specifikaw illi fin-nuqqas kienu ser jipprocedu legalment ghal-hlas ta' €700. Illi meta l-esponenti kienu ghand il-veterinarju kienu cemplu lill-intimat ghal-kunsens taghhom biex jsir it-test tad-DNA biex tkun tista' tintuza' il-profil genetiku tal-kelb taghhom, liema kunsens gie moghti mill-istess intimati.

Ra l-affidavit ta' Francesco Caruana u Maria Caruana ipprezentati fid-19 ta' Ottubru 2022 fejn huma iddikjaraw illi kienu iltaqghu ma' Mary Gagliano, meta kienet ghamlet delivery ta' generator li kienu ordnaw u meta innotaw li kellha kelb fil-karozza tar-razza *pomeranianu* kienu ftehmu maghha biex jlaqqghu l-klieb flimkien u jekk l-kelba jkollha l-griewi kellha tghaddilhom l-ammont ta' €700. Fit 28 ta' Jannar 2021 kien mar ma' missieru fir-residenza ta' Anthony Falzon izda t-tghammiera ma sehhitx ghax ma kienx hemm kuntatt fiziku bejn il-klieb u saret tentattiv iehor fit-30 ta' Jannar 2021 pero t-tghammira regghet ma sehhitx. Peress illi t-tghammmira ma sehhitx hu kien cempel lil terza persuna, Polidano, li kellu kelb tal-istess razza u qablu li jipprovaw jghamru l-klieb u t-tghammira sehhet b'success tant illi fl-1 ta' April 2021 ndunaw li l-kelba kienet tqila u ftit xhur wara kellha sitt igriewi li minnhom mietu tnejn u l-griewi

gew irregistrati taht il-kelb ta' Polidano. Wara ircevew messagg bil-whatsapp fejn intalbu is €700 minhabba li l-kelba kellha l-griewi, izda huma wegbuhom illi l-griewi kienu ta' kelb iehor. Fl-10 ta' Mejju 2021 ircevew itttra minghand l-avukat fejn gew interpellati biex jhalsu €700 u inghataw l-opzjoni li ssir test tad-DNA fuq il-griewi u f'kaz illi jirrizulta fin-negattiv huma jhaslu l-ispejjez ta' dan it-test. B'hekk huma marru ghand il-vet li kienu ssugerew l-intimati stess, Dr Nicole Muscat, u waqt illi kienu hemm kienu cemplu lill-intimati biex jaghtu n-numru tac-cippa halli l-vet ssib l-informazzjoni sabiex ssir it-test tad-DNA. Fl-24 ta' Gunju 2021, ir-rizultat tad-DNA ikkonferma li l-griewi ma kienux tal-kelb tal-intimati u minkejja hekk qatt ma halsu l-ammont ta' €250 li kienu hargu bhasla spejjez tad-DNA.

Ra illi fis-6 ta' Frar 2023 gew ipprezzentati l-affidavit ta' Anthony Falzon u Mary Gagliano fejn ikkonferma illi kien hemm ftehiem bejn il-partijiet izda ma jaqbilx illi ma kienx hemm kuntatt bejn il-klieb. F'April 2021, Maria Gagliano gibdet l-attenzjoni lil Falzon, illi Maria Daniela Caruana kienet qieghda tiriklama l-griewi ghal-bejgh. Peress illi l-kelb taghhom kien tghammar mal-kelb taghha bghatilha messagg biex thalsu €700 skond il-ftehiem, izda wegbitu li fit-30 ta' Jannar 2021 stess il-kelba taghhom tghamret ma' kelb ta' haddiehor u l-griewi ma kienux minn taghhom. Wara skambju ta' messaggi Caruana qatgha l-kuntatt sakemm fl-10 ta' Mejju 2021 ircevew ittra minghand l-avukat biex ssir DNA test ma' wiehed mill-griewi ta' Caruana. Izda Caruana mar ghand il-vet wahdu minghajr ma infurmhom u qeghdin jitolbu l-hlas ta' hames testijiet meta huma kienu pproponew zewg testijiet li kieku kien jammonta ghal €100. Li kieku Caruana ma kellhomx x'jahbu kienu jghidulhom biex jkunu prezenti ghand il-vet kif kienu ipproponew u jichdu li qatt taw il-kunsens ilil xi vet jew klinika biex iqabblu d-DNA tal-kelb taghhom ma ta' haddiehor minghajr il-prezenza taghhom. Huma certi illi l-griewi twieldu xahrejn wara li l-klieb kienu flimkien u dan jaqbel maz-zmien ta' tqala ta' din ir-razza.

Fis-27 ta' Frar 2023 saret il-kontro ezami ta' Francesco Caruana u Anthony Falzon. Francesco Caruana qal illi DNA test huwa sabiex tkun taf minn huma l-genituri tal-klieb, it-test li kienu ghamlu kien sar fuq il-kelba tieghu u l-griewi u biex jqablu mal-kelb tal-konvenuti. Falzon ma kienx prezenti imma hu stess kien bghathom fil-klinika izda ma kellux ghalfejn jkun prezenti. Il-vet fejn marru biex jaghmlu d-DNA kellha bzonnin-numru tac-chip tal-kelb li kienu ser jqablu d-DNA mieghu u huma bghatu messagg lil Falzon li kien bghatilhom in-numru b'messagg izda hu ma kienx ipprezenta kopja ta' dan il-messagg. Jghid illi Falzon kien kellem lil vet ukoll fuq il-mobile. Hu jiftakar li telaq minghand Falzon f'xi 5.15pm u wara mar ghand Polidano. Ic-certifikat fejn jidher isem Polidano ma kienx gie ipprezentat. Anthony Falzon ikkonferma illi hu kien bghat messagg biex ssir DNA fuq wiehed mill-griewi ta' Caruana izda cahad illi Caruana kien qallu li DNA kien ser jsir fuq erba' griewi biex jkunu certi ghax id-DNA tal-erba' griewi tkun l-istess. Hu jikkonferma illi darba kienu talbuh in-numru tal-*microchip* u fil-fatt kien anke tahom kopja tac-certifikat imma dan kien qabel ma ghamruhom. Fl-ebda hin ma kienu qalulu li kienu fil-klinika tal-vet, jew tahom xi informazzjoni bit-telfon tant illi fil-fatt hu kien talab informazzjoni mill-vet wara u qaltlu li ma setghetx taghtih informazzjoni ghax hija riservata. Hu wara kien ircieva karta fejn jghidu li l-klieb ma jaqblux, izda ma jidhirx ta' liema kelb hu.

Fis-17 ta' April 2023 saret it-trattazzjoni tal-partijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

It-Tribunal ra d-dokumenti li gewipprezentati u semghet ix-xhieda in kontro ezami. Ra illi ghalkemm fil-verbal tal-14 ta' Novembru 2022 hemm indikazzjoni li kellha titla' tixhed il-vet, mill-atti ma jidhirx illi saret it-tahrika u l-atturi rrinunzjaw ghax-xhieda taghha fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2023. It-Tribunal jinnota illi ghalkemm it-test tad-DNA gie ipprezentat ma ttella' ebda xhud sabiex jikkonferma u jispjega dan it-test tad-DNA u ghalhekk minghajr din il-prova, t-test tad-DNA li gie ezebit mhu jaghti ebda konferma jekk il-missier tal-griewi huwa l-kelb tal-konvenuti jew le. Jinnota ukoll li lanqas ma gie ipprezentat c-certifikat tal-griewi biex juru liema kelb huwa rregistrat bhala l-missier tal-griewi. B'referenza ghal kontro talba u stante li gja kien hemm ittra mill-avukat tal-konvenuti, fejn kienu huma stess li ssugerew li jekk kien hemm xi dubju kellha ssir t-test tad-DNA u kienu lesti li jhalsuh huma, izda f'kaz illi jirrizulta li l-kelb taghhom kien l-missier kellhom jirrifondulhom l-ispejjez, it-Tribual ma jistax jifhem kif l-atturi xorta ipprocedew illi jmorru jaghmlu t-test tad-DNA minghajr il-prezenza tal-konvenuti. Kienu huma stess li holqu dan id-dubju meta ghamru l-kelba taghhom ma' kelb iehor fl-istess gurnata u ghalhekk il-partijiet kellhom jkunu it-tnejn prezenti meta saret it-test. Ghalhekk stante li kien hemm ftehiem, mhux kontestat, li jhalsu €700 jekk il-kelba jkollha griehi u ma hemmx il-prova li l-griewi m'humiex tal-kelb tal-konvenuti din it-talba ghandha titnlaqa'.

Ghaldaqstant,in vista ta' dak indikat aktar il-fuq it-talba tal-atturi sabiex il-konvenuti jhalsu s-somma ta' €250 qiegha tigi michuda. Filwaqt illi b'referenza ghal kontro talba, it-Tribunal qieghed jikkundana lil Frances Caruana u Maria Caruana jhallsu lil Anthony Falzon u Maria Gagliano s-somma ta' seba' mitt euro (€700) bl-imghax legali mill-20 ta' Gunju 2022. L-ispejjez kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro talba ghandhom jithalsu minn Frances Caruana u Maria Caruana.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUD**A**IKATUR**